MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2199/2004

**Johan Calleja**

**Vs**

**Ebony Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih l-attur talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas erba mija u hamsa tletin Lira u sitta u sittin centezmu (Lm435.66c) rapprezentanti l-ammont mitlub minnu mis-socjeta' Maltacom.

Ra r-risposta tal-konvenuta li qalet li t-talba hi infondata billi l-konvenuta mhiex debitrici tal-attur; li l-attur kellu access ghal fond u l-istess attur ghamel uzu mit-telefon in kwistjoni; li kull ammont li jista' jkun dovut lill-attur ma

jeccedix s-somma dovuta lill-konvenuta skond il-kontro-talba.

Ra l-kontro-talba tal-konvenuta li talbet li l-attur jigi kkundannat ihallas elf u erba mija u disa u sittin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1469.88c) rapprezentanti nofs l-ammont mhallas mill-konvenuta lil Bank of Valletta fuq loan account ma' l-istess bank ghax-xiri tal-fond 38, Flat 1, Triq Hookham Frere, Gwardamangia liema fond kien jghajjat kemm isem l-attur u l-konvenuta u nbiegh lill-terzi bir-rikavat jitqassam f'partijiet.

Ra r-risposta tal-attur li qal li l-kontro-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt u li l-konvenuta qatt ma interpellat lill-attur ghal ammont pretiz minnha.

Sema x-xhieda u ra d-dokumenti ezebiti.

Ra x-xhieda tal-attur li ezebixxa l-kont tal-Maltacom u qal li f'dak il-perjodu kienet biss l-konvenuta li kienet tghix hemm. L-attur cahad li kellu access ghal fond f'dak il-perjodu.

Fill-kontro-ezami l-attur qal li baqa ihallas nofs il-pagamenti tal-loan in konnessjoni mal-fond. Hu qal li kien ihallas "cash" lil konvenuta. L-attur ikkonferma li l-post inbiegh u r-rikavat inqasam b'mod ugwali.

Fl-affidavit tieghu l-attur qal li l-ftehim kien li minn meta telaq hu mid-dar l-konvenuta kellha thallas l-kontijiet tat-telefon sakemm tinbiegh id-dar. L-attur qal li kien kellem lil konvenuta dwar il-kont tat-telefon u hi qalet li kienet ser thallas meta jinbiegh il-fond. Meta nbiegh il-fond l-konvenuta qalet li kienet ser taghmel cheque lil Maltacom u fil-fatt il-konvenuta taghat cheque lil Maltacom. Dan ic-cheque gie ritornat (ma ssarrafx)  u l-konvenuta qalet li kienet ser thallas f'pagament mensili ta' hamsa u ghoxrin (Lm25). Fil-fatt il-konvenuta hallset hamsa u ghoxrin (Lm25) darbtejn lil attur li kien hallas lil Maltacom. Imbaghad l-konvenuta waqfet milli thallas.

Gie ezebit c-cheque mahrug mill-konvenuta lil Maltacom fuq il-kont f'isem l-attur. Dan ic-cheque ma issarfafx.

Johann Calleja rega xehed u qal li meta telaq mid-dar kien jaghti mija u tnejn u ghoxrin Lira (Lm122) fix-xahar lil konvenuta. Calleja qal li meta kienu jghixu flimkien il-ftehim kien li hu ihallas xiri ta' white goods u sabiex ihallas l-bajjad u electrician. Johann Calleja qal li l-ewwel darba li rcieva nota jew pretensjoni mill-konvenuta fl-ammont mitlub fil-kontro-talba kienet wara li hu ghamel it-talba.

Illi fix-xhieda taghha l-konvenuta qalet li l-partijiet kienu jghixu flimkien u meta gew biex ibieghu d-dar l-attur kien qalilha li jekk ma thallasx il-kont tat-telefon hu ma kienx se jiffirma l-kuntratt ta' bejgh. L-attrici qalet li ezaminat il-"itemized bill" u mmarkat dawk in-numri li hi ma kienitx tuza (dokumenti EC2 et sek).

Il-konvenuta tghid li hi kienet thallas  mitejn u erba u erbghin Lira Maltin
(Lm244)  fix-xahar lil Bank of Valletta u l-attur ma kien ihallas xejn. Il-ftehim kien li l-attur kellu jhallas l-kontijiet izda bhala fatt hi kienet thallas nofs il-kontijiet ta' dawl u ilma u kienet hallset ghal fridge u l-cooker. Fil-kontro-ezami l-konvenuta qalet li meta baqghet toqghod id-dar wahedha hi kienet risponsabbli ghad-dawl ilma u telefon u fil-fatt hallset id-dawl u l-ilma. Meta kienu ghadhom flimkien l-attur kien ihallas ghall-ilma dawl u telefon imbaghad meta ma baqghux flimkien l-konvenuta bdiet thallas ghad-dawl u ilma. L-ammont li qieghda titlob fil-kontro-talba hija ghal perjodu meta l-partijiet kienu ghadhom gharajjes. Il-konvenuta qalet li l-attur telaq f'2002 izda f'Mejju 2003 rega gie jghix maghha u dam sa Novemrbu 2003. Il-konvenuta qalet li ma tiftakarx meta rega dahal l-attur f'Mejju 2003 kienx hemm telefon id-dar. Il-konvenuta qalet li talbet is-somma fil-kontro-talba wara li l-attur baghat ittra ufficjali ghal kont tat-telefon.

L-attur rega ppresenta affidavit iehor fejn qal li l-konvenuta qatt ma interpellatu biex ihallas l-ammont mitlub fil-kontro talba. Fil-kontro-ezami l-attur qal li qatt ma rcieva ittra minn ghand l-avukat tal-konvenuta dwar l-ammont mitlub

fil-kontro-talba. Meta gie muri l-ittra datata 3 ta' Awissu 2004 l-attur qal li ma jiftakarx l-istess ittra.

Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal:

L-attur talab l-ammont ta' erba mija u hamsa tletin Lira u sitta u sittin centezmu (Lm435.66c) rapprezentanti ammont dovut minnu lil Maltacom. Ma hemmx dubju li dan l-ammont huwa dovut mill-attur lil Maltacom billi l-kont jghajjat lilu. Illi originarjament, meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien l-ftehim kien li l-konvenuta thallas l-ammont dovut lill-Bank of Valletta u l-attur ihallas ghal ilma dwal u telefon u affarjiet ohra. Illi meta l-attur telaq mid-dar ma baqax risponsabbli ghal hlas ta' ilma, dawl u telefon. Illi l-attur mhux car dwar meta telaq mid-dar. Illi jidher li l-kont huwa ghal uzu tat-telefon bejn April 2002 sa Awissu 2002. Il-konvenuta tghid li hu telaq mid-dar fi Frar jew Marzu 2002 u rega gie f'Mejju 2003. Ghalhekk fil-perjodu n-kwistjoni l-konvenuta biss kienet tuza t-telefon. Illi ghalhekk jirrizulta li hi ghandha thallas ghal dan l-ammont.

Illi dwar il-kontro-talba l-konvenuta qieghda tippretendi elf u erba mija u disa u sittin Liri Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm1469.88c) rapprezentanti l-ammont dovut fuq loan account in-konnessjoni ma' fond mixtri mill-partijiet. Originarjament l-ftehim kien li l-konvenuta thallas ghal dan il-loan account u l-attur ihallas ghal affarjiet ohra fid-dar bhal kontijiet ta' dawl, ilma u telefon u ohrajn. Illi l-konvenuta tghid li hi qieghda titlob dan l-ammont ghal perjodu li kienu ghadhom gharajjes. F'dan iz-zmien kien ghad hemm il-ftehim li l-konvenuta thallas l-Bank fil-waqt li l-attur ihallas ghal affarjiet ohra. Illi l-konvenuta tghid li l-attur ma hallasx ghal affarjiet ohra u issemmi per ezempju li hi hallset ghal fridge u l-cooker. Billi l-ftehim kien, meta l-partijiet kienu ghadhom gharajjes li l-konvenuta thallas ghal loan u l-hlasijiet li qieghda tippretendi huma ghal perjodu li kienet ghadha gharusa, l-kontro-talba ghandha tigi michuda. (ara pagina 70 tal-process).

Ghaldaqstant jilqa t-talba tal-attur u jikkundanna lil konvenuta sabiex thallas l-ammont ta' erba mija u hamsa

tletin Lira u sitta u sittin centezmu (Lm435.66c) lill-attur u jichad il-kontro-talba. Spejjes kontra l-konvenuta. L-imghax ghandu jithallas biss f'kaz li Maltacom tesigi l-istess minn ghand l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------